# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 24 t’April tas-sena 2002.**

**Numru   10**

**Avviz  numru   394/01/SM**

**The Cargo Handling Company Limited.**

**vs**

**John Abela Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta’ Marzu tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma komplessiva ta’ tliet mija u tmienja u tletin Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (LM338.58.0) rapprezentanti loading charges li l-kumpanija The Cargo Handling Co.**

**Ltd. fornit lill-istess socejta' konvenuta f'dati differenti u f'konsenji differenti u dan kif ser jigi ppruvat mill-istess socjeta' attrici mill-provi taghha;**

2. **Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta' konvenuta;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-4 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici tant huma vagi li l-esponent ma jistax jippreciza l-eccezzjonijiet tieghu pero' ghal kull buon fini jecepixxi illi t-talbiet tal-attur huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li m'humiex dovuti;**

2. **Jirrizerva li jecepixxi t-talba tal-preskrizzjoni meta jkun sema l-provi jekk ikun il-kaz;**

3. **Jirrizerva eccezzjonijiet ulterjuri wara li jisma l-provi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluzi n-noti ta' osservazzjonijiet sottomessi mill-partijiet;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament ghall-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

1. **Illi s-socjeta' attrici intavolat din il-procedura biex tigbor il-"loading charges" lilha dovuta ammontanti ghall-tlett mija u tmienja u tletin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu, (LM338.58,0);**

2. **Illi l-ammont dovut jirrigwarda merkanzija mibghuta mis-socjeta' konvenuta li tghabbiet fuq il-bastiment MV Lince li salpat minn Malta fid-dati ndikati fid-dokumenti minnhom**

**ipprezentati fl-atti ta' din il-procedura, (ara fol 14 – 22);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi mid-dokumenti pprezentati jidher li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 65 (b) tal-Kap 352, tirrizulta abbundantement ipprovata stante li s-socjeta' attrici mhix preciza fit-talbiet taghha u konsegwentement naqset li tipprova l-allegazzjonijiet minnha sostenuti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**